# L-ISTATWA TAL-MADONNA TAL-ĠILJU FL-IMQABBA

## Misjub id-dokument tat-talba ta' Innocenzu Zammit

kitba ta' Charles Farrugia B.A. (Hons), M.A. (History)


(254)

A Sua Eccellenza Revma
ecc. ecc. ecc.

Innocenzo Zammit servo Umo
di V. E. Revma ossequiosamente espone.

Aver egli, previo il permesso di V. E. Revma, non che del Parroco della Mcabiba, ordinato che si effettuasse una Statua rappresentante la Vergine sotto titolo del Giglio, la quale statua trovasi sul punto di essere del tutto compita. Il denaro erogato per la detta statua parte proveniente dallo stesso commissionante e ricorrente, e parte dalla contribuzione del popolo.

Quantunque lo stesso ricorrente prega umilmente la prelodata vostra Eccellenza Reverendissima a voler compiacersi permettere che la detta statua venisse collocata nella Chiesa Parrocchiale della Mcabiba in una cappa di vetro nella Cappella della Concezione, ove non reca nessun incomodo. Colla grazia.

[illegible]

Lill-Eċċ. Reverendissimu

Innocenzo Zammit qaddej umli tal-Eċċ. Reverendissimu jesponi:- Wara li ħadt il-permess tagħkom, u anke tal-Kappillan ordnajt li tinħadem statwa li tirrappreżenta lill-Verġni taħt it-titlu tal-Ġilju, liema statwa tinsab kważi lesta - il-flus għal din l-istatwa se jiġu mill-istess kummissjonant u rikorent u parti mill-kontribuzzjoni tal-pubbliku.

Għalhekk ir-rikorent jitlob bl-umiltà kollha lill-Eċċ. Rev. tagħkom sabiex tagħtu l-permess sabiex din l-istatwa titpoġġa fil-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba ġo kaxxa tal-ħġieġ fil-kappellun tal-Kunċizzjoni fejn ma toħloq l-ebda skomdu

Il-Kappillan ta' l-Imqabba
u Innoċenzu Zammit

L-Ittra mill-Arkivju tal-Kurja li turi t-talba ta' Innoċenzu Zammit (in-Naxxari) sabiex statwa ġdida tal-Madonna tal-Ġilju tiddaħħal fil-Knisja ta' l-Imqabba fl-1876[1]

Il-Festa tal-Madonna tal-Ġilju tmur lura diversi sekli. Jidher li dari d-devozzjoni lejn il-Madonna taħt dan it-titlu kienet ferm aktar mifruxa milli hi llum.[2] Jekk wieħed irid imur fuq id-dokumentazzjoni u ma jinħeliex fuq spekulazzjoni li m'għandiex tkun l-għodda ta' l-istoriċi, insibu li żgur il-festa u l-proċessjoni tal-Madonna tal-Ġilju kienu jsiru ġewwa l-Imqabba fl-1772. Dan il-fatt storiku jinsab elenkat fl-Istatuti tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni ta' l-Imqabba, approvati fid-29 ta' Jannar 1772 mill-Isqof Giovanni Carmine Pelerano. L-artiklu 9 isemmi żewġ proċessjonijiet oħra minbarra dik tal-Kunċizzjoni: 'Il-Fratelli huma fid-dmir li lebsin il-konfratija, jieħdu sehem fil-proċessjonijiet li jsiru fir-raba' Ħadd ta' kull xahar, u f'dik tal-Ġilju fix-xahar ta' Mejju'.[3]

Dan id-dokument hu biżżejjed biex jipprova li fl-1772 fl-Imqabba kienet issir il-festa tal-Madonna tal-Ġilju fix-xahar ta' Mejju. L-istess dokument ma jagħtix tagħrif dwar meta bdiet din il-festa, iżda peress li ma jsemmix li qed titwaqqaf, il-probbabiltà hi li kienet ilha teżisti għax l-Istatut jirreferi għaliha mingħajr ebda elaborazzjoni u spjegi żejda.

## Il-Kummissjoni

Il-Persuna wara l-kummissjoni ta' l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju kien Innoċenzu Zammit (in-Naxxari), kuntrattur tat-toroq, missier Nikola u Mikiel. Jidher li Zammit ħa ħsieb il-koordinazzjoni tal-ħidma kif ukoll ħareġ parti sostanzjali mill-ispejjeż għal din l-istatwa. Il-petizzjoni li qed nippubblika għall-ewwel darba ma' dan l-artiklu tixħet dawl ġdid fuq ċertu fatti filwaqt li tikkonferma dak li kien diġà jingħad mit-tradizzjoni orali.

Fit-talba tiegħu lill-Kurja u li sfortunament mhix datata, Innoċenzu Zammit jitlob sabiex statwa tal-Madonna taħt it-titlu tal-Ġilju (*la Vergine sotto titolo del Giglio*) li hu kien ikkumissjona u li kienet waslet sabiex titlesta tiddaħħal fil-knisja parrokkjali ta' l-


8. Nel giorno della [illegible] intervengano tutti vestiti del proprio sacco [illegible] la Santa Communione [illegible] poi intervengano ai Vespri, Panegirico, e Processione sotto pena di pagare [illegible] uno in beneficio della Compagnia. S'intende solamente esenti, chi sarà [illegible] Ecclesiastici s'intendono [illegible] col proprio abito [illegible].

9. [illegible] vestiti del proprio sacco nelle Processioni, che si faranno in ciascuna quarta Domenica del Mese, ed in quella del Giglio nel Mese di Maggio. Chi mancherà d'intervenire in una di codeste Processioni, non è soggetto a veruna pena pe-

Silta mill-istatut tal-Fratellanza ta' l-Immakulata Kunċizzjoni ta' l-Imqabba formulat fl-1772 u li jsemmi l-purċissjoni f'ġieħ il-Madonna tal-Ġilju. (Ħajr Arkivju Parrokkjali Mqabba)[4]

1. Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Supplicationis vol. 50, senza data.
2. F'artikli li ġew ippubblikati f'dan il-fuljett fis-snin li għaddew diġà rajna li d-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Ġilju kienet teżisti ġewwa Firenze (1405), f'Caltagirone (1875), Għawdex (1478), l-Isla (1759), Bormla (1763) u l-Imdina (1760). Post ieħor fejn kienet issir il-festa kien il-Birgu. (Ara, *Is-Salib*, 20.vi.1092, p.4).
3. A. Bonnici, 'Santa Marija Assunta u l-Madonna tal-Ġilju: iż-żewġ statwi ewlenin ta' l-Imqabba', f'C. Farrugia (ed) *L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien*, Kunsill Lokali u Parroċċa ta' l-Imqabba, 1998, p. 120.
4. A(rkivju) P(arrokkjali) M(qabba), *Statuti Confraternità Immacolata Concezione*, 1772.

Imqabba u titqiegħed fil-kappellun tal-Kunċizzjoni. Fl-ebda parti ta' din it-talba ma ssir referenza għall-istatwa bħala ta' l-Immakulata Kunċizzjoni u lanqas il-Fratellanza ta' l-Immakulata Kunċizzjoni ma kienet b'xi mod imdaħħla. L-uniku referenza għall-Immakulata Kunċizzjoni hi marbuta mal-post li fih in-Naxxari ried li titpoġġa, jiġifieri fil-kappellun tal-Kunċizzjoni. Din il-petizzjoni hi importanti ferm għaliex ixejjen kull argument dwar l-għan u t-titlu ta' l-istatwa. Barra minn hekk insibu konferma li l-ħlas kien ser isir parti mill-istess benefattur u parti minn ġbir pubbliku. Il-permessi għal dan kollu kienu diġà nġiebu mingħand il-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Franġisk Vella.[5]



L-Istatwa tal-Madonna tal-Ġilju xogħol Giovanni Darmanin fl-1876. (Ħajr: Elena Busuttil)

Sfortunatament din il-petizzjoni fiha ċertu nuqqasijiet ta' dettal. Fost dawn huma neqsin id-data kif ukoll l-isem ta' l-istatwarju. In-nuqqas ta' l-isem ta' Giovanni Darmanin probabbli ġej mill-fatt li t-talba hi sabiex l-istatwa tiddaħħal fil-knisja u mhux sabiex tinħadem. Għalkemm id-data hi nieqsa, però peress li Zammit qed jgħid li l-istatwa kważi kienet lesta minn kollox, probabbli li din il-petizzjoni saret proprju ftit ġimgħat jew l-aktar xhur qabel il-festa tal-1876. Peress li l-ittra ta' Innoċenzu Zammit tinsab mal-materjal magħruf bħal Miscellanea, mhux possibbli li wieħed jieħu ħjiel aktar eżatt tad-data, ħaġa li kienet tkun possibbli li kieku l-ittra tinsab inkluża ġewwa volum.[6]

## L-Istatwarju

Gianni Darmanin kien l-ewwel wild ta' Ġużeppi u martu Marija (imwielda Cumbo), fit-3 ta' April 1817. U ġie mgħammed l-għada 4 tax-xahar fil-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt. Il-parrini kienu Anton Schembri u Ġwanna, li kienu t-tnejn mill-Belt. Lura l-Isla, il-familja Darmanin bdiet tikseb fama għal xogħol fl-irħam kif ukoll fl-istatwi. Karlu, ħu Ġanni, hu l-aktar magħruf bħala statwarju filwaqt li Ġanni kien aktar magħruf bħala marmista. Mhux darba jew tnejn li dawn kien ikollhom xogħlijiet bi sħab, u għalhekk insibu ċertu xogħlijiet tagħhom reġistrati fuq *Giuseppe Darmanin e Figli*.[7]

Fost l-istatwi li saru minn Ġanni Darmanin, insemmu r-Redentur u l-Anġlu ta' Kristu fl-Ort tal-Birgu, li wara l-ħsarat tal-gwerra inbidel minn Ġużeppi Caruana. Għall-Birgu, hu ħadem ukoll San Rokku u l-Madonna tal-Karità. Xogħol ieħor tiegħu hu dak ta' San Duminku li kien fil-kunvent tad-Dumnikani fil-Birgu. Għaż-Żejtun, Ġanni Darmanin ħadem xi statwi tal-Ġimgħa l-Kbira. Iżda żgur li l-akbar kapolavur li għamel Ġanni Darmanin hu l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju għall-Imqabba.[8]

Ġanni Darmanin ħadem l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju fl-età ta' 59 sena. Hu għex ħajja twila u miet ta' 91 sena fl-4 ta' Diċembru 1908 ġewwa l-aħħar dar li kellu fi 83 Triq il-Buskett (illum Triq Ġorġ Borg Olivier). Huwa midfun f'qabar nru 6 tal-Fratellanza tar-Rużarju.[9]

## Il-Miġja ta' l-Istatwa fl-Imqabba: Laqgħa ta' merħba denja

L-atmosfera ta' ferħ u ċelebrazzjoni li ddominat jum il-miġja ta' l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju ġewwa l-Imqabba tinsab imwassla lilna f'żewġ rapporti fil-gazzetti ta' dak iż-żmien. *Il Corriere Mercantile Maltese* tat-Tnejn 8 ta' Mejju 1876 ħabbar li festa tal-Madonna tal-Ġilju fl-Imqabba kienet se ssir fl-24 ta' l-istess xahar u li matulha kienet se tiżżanżan statwa mill-isbaħ xogħol ta' Ġ. Darmanin ta' L-Isla, Dwar Innoċenzu Zammit il-gazzetta tgħid li hu kien il-persuna responsabbli għall-festa u li kien ta kontribut kemm bi flus kif ukoll b'ħidma sfiqa sabiex wassal għar-riżultat mixtieq. Il-gazzetta tipprevedi li se jkun hemm ammonti kbar ta' nies għal din l-attività.[10]

Iżda rapport aktar rikk fid-dettal ta' din l-attività ħareġ fl-*La Rigenerazione* tat-8 ta' Ġunju 1876. Hawn insibu spjega dettaljata tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju ta' dik is-sena. Il-festa bdiet b'Novena filwaqt li f'lejliet il-festa kien hemm baned, illuminazzjoni u logħob tan-nar. Il-mużika fil-knisja kienet immexxija minn Maestro Paolo Nani filwaqt li l-paneġierku sar minn Dun Ġwann Tabone miż-

5. Dun Franġisk Vella kien Żurrieqi u serva ta' Kappillan ta' l-Imqabba bejn l-1863 u l-1893.
6. Ħajr lis-Sur Henry Bonanno li sab dan id-dokument u għaddieh lili għall-pubblikazzjoni.
7. A. Bonnici, 'Santa Marija Assunta u l-Madonna tal-Ġilju:; iż-żewġ statwi ewlenin ta' l-Imqabba, f'C. Farrugia (ed) *L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien*, Kunsill Lokali u Parroċċa ta' l-Imqabba, 1998, p. 122.
8. *Ibid.*
9. *Ibid. p. 126*

Żejtun. Il-funzjonijiet tmexxew mill-qassis Imqabbi Dun Vinċenz Caruana.

L-istess rapport fl-*La Rigenarzione* jikkonferma l-impenn ta' Innoċenzu Zammit għall-kummissjoni ta' l-istatwa u l-kontribuzzjoni tal-poplu Mqabbi. L-ittra ssemmi lil Giovanni Darmanin speċifikament, u mhux b'inizjali bħal fil-każ tal-*Corriere Mercantiel Maltese*. Iżda dak li forsi hu aktar interessanti f'din l-ittra hi li l-istellarju tal-vara tal-Madonna tal-Ġilju sar mill-benefattur Mons. Dr. Paolo Pullicino, edukatur ewlieni f'pajjiżna b'rabtiet konsiderevoli mar-raħal ta' l-Imqabba. Barra minn hekk, fl-istess sena Pullicino rregala ukoll lampier maħdum Ruma, ventaltar u leġiju tal-fidda.

## Is-Sinifikat storiku fil-kuntest Imqabbi

Matul dawn l-aħħar sitt snin saret ħafna riċerka dwar it-twaqqif tal-partiti fl-Imqabba. Nistgħu ngħidu li meta wieħed jara t-tliet publikazzjonijiet li ħarġu fl-Imqabba matul dawn is-snin isib li l-istampa ta' kif inħolqu l-fratellanzi, il-partiti u l-baned issa qed tagħqad ġmielha. Minkejja dan għad jonqos ċertu fatturi sabiex norbtu kollox ma' xulxin. Id-dokument li qed niżvelaw ma' dan l-artiklu jkompli jgħin sabiex jintefa' aktar dawl.

Sa issa ġie ippubblikat mill-kollega tiegħi Alexander Bonnici dwar kumment li kien ingħad minn saċerdot Imqabbi meta l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju ddaħlet fil-knisja. Tajjeb wieħed jgħid mill-ewwel li dan hu kumment miġbur minn informazzjoni orali u mhux imsaħħaħ bil-kitba, però b'daqshekk ma jfissirx li għandna ninjorawh,

> **Il 21 del corrente, alla Micabiba, celebrerassi una festa popolare—della *Madonna del giglio*, la cui statua, bellissimo lavoro del signor G. Darmanin, dalla Vittoriosa—vi verrà esposta per la prima volta. Lo incaricato della festa è Innocenzo Zammit, che spende moneta e fatica al buon risultato. Si prevede grande concorso di gente dai casali circonvicini.**

Il Corriere Mercantile Maltese - 8.v.1876, p.2[11]

speċjalment meta f'dan artiklu se nipprova nikkorraboraħ b'żewġ fatturi oħra. X'kien dan il-kumment ta' dan is-saċerdot 125 sena ilu?

Jingħad li waqt li l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju kienet qed tiddaħħal fil-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba għall-ewwel darba, is-saċerdot Imqabbi Dun Salv Schembri nstema' jgħid, 'daħal ix-xitan taħt forma ta' anġlu'.[13] Dan hu indikazzjoni ta' xamma ta' pika jew inkella oppożizzjoni għal din l-istatwa minn ċertu kwartieri. Sa hawn, mhux sorprendenti għaliex meta wieħed jara x'ġara f'ħafna mill-irħula, rivalità bejn il-fratellanza kienet komuni u kienu jivvintaw fuq xiex jilletikaw, speċjalment fuq preċedenza u privileġġi.[14]

Illum li għandna dan id-dokument tat-talba tan-Naxxari nħoss li hemm bażi biżżejjed sabiex nippublika biċċa informazzjoni oħra li ġejja minn tradizzjoni orali. Meta kont qed niġbor l-informazzjoni għall-ktieb dwar il-banda tal-Ġilju tal-1995, f'waħda mill-intervisti li kont għamilt mal-mibki Toni Barbara (Il-Fufus) hu kien irrakkonta storja oħra marbuta mal-miġja tal-vara tal-Madonna tal-Ġilju.[15]

Skond Toni Barbara, meta n-Naxxari ordna l-istatwa tal-Madonna

> *FESTIVITA' RELIGIOSA*
>
> Domenica 21 ultimo scorso nella Chiesa Parrocchiale della Micabbiba venne solennemente celebrata la festività della B. V. MARIA sotto il titolo del GIGLIO.
>
> Una novena la precedeva; alla vigilia furono fatte delle illuminazioni, delle bande musicali e dei giuochi pirotecnici. Un secondo *Vespere*, con musica solenne, venne pomposamente diretto dal Signor Maestro Dr. Paolo Nani. Un elaborato panegirico fù tessuto dal noto oratore il Rev. D. Giovanni Tabone del Zeitun.
>
> Le funzioni ecclesiastiche vennero celebrate dal Rev. D. Vincenzo Caruana del detto Casale.
>
> In quest' anno fu fatta una nuova statua, mercè l' impegno del Maestro Innocenzo Zammit e le contribuzioni degli abitanti, la quale riuscì bellissima e devotissima, e fa onore al Sig. Giovanni Darmanin che l' ha eseguita in cartapesta.
>
> **Meritano particolar menzioni diverse opere, cioè: un diadema d' argento per la detta Statua, un bel lampadario lavorato in Roma, un paliotto, un leggìo argentato ed altre cose, donate dal Molto Revmo. Can. Dr. Don Paolo Pullicino, al quale tutti i Micabini devono ogni stima e rispetto, anche per altre opere di beneficenza.**

La Rigenerazione - 8.vi.1876, p.2[12]

tal-Ġilju, hu għaddas rasu, ma ġab l-approvazzjoni ta' ħadd u meta kienet lesta, ġab l-istatwa d-dar fejn esebiha għall-pubbliku. Jidher li dan il-fattur ġab oppożizzjoni min-naħa tal-kleru li ħa pożizzjoni li l-istatwa kellha l-ewwel tinġab il-knisja, titbierek u wara tkun għall-venerazzjoni pubblika.[16] Jidher li dan ħoloq ċertu tensjoni. Meta meħuda fil-kuntest ta' l-ittra li qed nippubblikaw illum, wieħed ma

10. *Corriere Mercantile Maltese*, 8. v. 1876
11. L-ittra bil-Malti tgħid hekk: 'Fl-24 ta' dan ix-xahar, fl-Imqabba, ser tkun ċelebrata l-festa popolari tal-Madonna tal-Ġilju, li l-istatwa tagħha li hi xogħol mill-isbaħ ta' G. Darmanin se tkun esposta għall-ewwel darba. Il-bniedem responsabbli għal din il-festa hu Innocenzo Zammit, li kkontribwixxa finanzjarjament u materjalment għal dan is-suċċess. mistennija attendenza qawwija min-nies ta' l-irħula tal-madwar'
12. L-ittra bil-Malti tgħid hekk: 'Il-Ħadd 21 tax-xahar li għadda ġewwa l-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba ġiet il-festa kien hemm mixegħla, daqq ta' baned u logħob tan-nar. Il-Vespri Sekond b'mużika solenni kien dirett minn Maestro Dr. Paolo Nani. Il-magħruf predikatur Rev. D. Giovanni Tabone taż-Żejtun niseġ paneġierku mill-aqwa. Il-funzjonijiet fil-knisja tmexxew mill-qassis Imqabbi Rev. D. Vinċenz Caruana.
Din is-sena saret statwa ġdida, bis-saħħa tal-ħidma ta' Mastru Innoċenzu Zammit u l-ġbir tal-poplu, liema statwa hi verament mill-isbaħ u devota u tagħmel unur lis-Sur Giovanni Darmanin li skolpiha fil-kartapesta.
Ta' min isemmi diversi opri ġodda, jiġifieri: dijadema tal-fidda għall-istess statwa, lampier mill-isbaħ maħdum f'Ruma, ventaltar, leġiju tal-fidda u affarijiet oħra, mogħtija mill-Wiżq Reverendu l-Kanonku Dr. Pawlu Pullicino, li lejh l-Imqabbin kollha għandhom kull stima u rispett, anke għal diversi opri oħra ta' karità li għamel magħhom.'

jistax jinjora din l-informazzjoni mogħtija mis-Sur Barbara. Jista' jkun li din il-kwistjoni tispjega għaliex in-Naxxari mhux qed jitlob sabiex jagħmel statwa ġdida iżda sabiex idaħħal fil-knisja statwa li kienet kważi lesta. Tista' tispjega għaliex it-talba ma ġġibx data jew inkella għaliex qed jispeċifika li fil-kappellun tal-Kunċizzjoni ma tfixkel lil ħadd.

Ma naħsibx li mill-informazzjoni li għandna sa issa nistgħu mmorru aktar minn hekk. Però tajjeb li dawn l-affarijiet nippubblikawhom għaliex ftit ftit l-istampa tiċċara u toħroġ aktar fid-dettal.

## Żviluppi marbuta ma' l-istatwa

Diversi kienu l-iżviluppi li seħħew f'dawn il-125 sena u li kienu b'xi mod marbuta ma' l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju. Jidher li fi ftit snin din l-istatwa ġibdet lejha devozzjoni speċjali. Il-każ tad-donazzjoni ta' ġiljuwa tal-fidda minn Giovanna Manchè fl-1902 hi prova ċara ta' dan. Mhux lok li nidħlu fid-dettal ta' din il-ġrajja peress li diġà ippubblikajniha fis-snin ta' qabel.[17] Iżda żgur li dan il-fatt jixhed devozzjoni li kienet qed tiġbed attenzjoni mhux biss mill-Imqabbin iżda min-nies prominenti fil-pajjiż.

Avveniment ieħor marbut ma' l-istatwa seħħ fl-1914 meta żżanżnet bradella maħduma mill-imgħallem Saverio Olivo mill-Isla.[18] Il-bradella m'hix dik li teżisti llum. Dan għaliex matul it-Tieni Gwerra Dinjija l-bradella flimkien mal-pedestall inqerdu għal kollox. Kien id-9 ta' April 1942 meta f'attakk numru 2042 bejn is-12.45 p.m. u s-2.12 p.m. iġġarrfet il-koppla tal-knisja parrokkjali kif ukoll il-kappellun tal-Kunċizzjoni u l-parti tas-sagristija. L-istatwa intlaqtet ħafif f'dan it-tiġrif u apparti ħsara f'ras is-serp, salvat mill-ħsarat.

Kellha tkun b'inizjattiva tal-Prokuratur tal-Fratellanza ta' l-Immakulata Kunċizzjoni Dun Ġużepp Xuereb li l-vara żżejnet bil-bradella artistika li għandha llum. Fl-1952, Xuereb ressaq rikors fil-Kurja ta' l-Arċisqof li fih spjega li qabel il-gwerra l-vara kienet tintrama 'fuq bradella għanja, skulturata u intarsjata'.[19] Xuereb talab li jingħata l-permess meħtieġ sabiex issir bradella fuq id-disinn ta' Emmanuel Buhagiar ta' Ħal Tarxien. Wara ħafna qtiegħ il-qalb peress li saħħet Emmanuel Buhagiar bdiet tmajna, il-bradella tlestiet u żżanżnet fl-1954, sena li fiha l-Papa Piju IX iddefinixxa d-domma ta' l-Immakulat Konċepiment tal-Madonna.

Xogħol ta' indurar fuq l-istatwa sar f'diversi interventi differenti. Jekk wieħed jara r-ritratti oriġinali ta' l-istatwa jinduna li l-libsa ma kienitx sgraffita kif hi llum. Wara l-gwerra sar xogħol ta' restawr fuq l-istatwa. Aktar tard insibu li fl-1971 il-Prokuratur ta' dak iż-żmien Joseph Farrugia ħallas lil Pawlu Xuereb għal xogħol ta' induratura u restawr fuq l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju. Xuereb deher għad-Ditta F. Costanzo ta' Triq San Kristofru tal-Belt.[20]

Fil-bidu tas-snin tmenin inħass il-bżonn li jsir intervent ta' restawr fuq l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju. Il-Kappillan Dun Willie Vella ppreżenta rikors fil-Kurja ta' l-Arċisqof fl-14 ta' Diċembru 1983 li kien segwit minn rapport tekniku mill-espert tal-kurja Dun Gino Gauci. Ir-rikors intlaqa' fl-1 ta' Ġunju 1984. Ix-xogħol ta' restawr ġie fdat f'idejn il-partitarju u statwarju Ġlormu Dingli filwaqt li l-induratura saret mis-Sur Horace Farrugia ta' l-Imdina. L-istatwa ddaħħlet mill-ġdid fl-Imqabba fost il-briju tal-partitarji fis-27 ta' Mejju, 1985.[21]

## Konklużjoni

Għaddew 125 sena minn fuq din ix-xbiha li għaddiet minn diversi ġrajjiet. Minkejja kollox l-Imqabbin baqgħu jgħożżuha u jdawwruha mat-toroq tar-raħal darbtejn fis-sena: fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju kif ukoll fil-festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni.[22] Bosta rrikorrew lejn il-Madonna fi żminijiet ta' niket u sabu faraġ fi żminijiet ta' problemi u sabu solliev. J'Alla din ix-xbieha tibqa' sservi l-funzjoni li għaliha nħolqot 125 sena ilu mhux ta' xi idolu pagan iżda bħala tifkira li twassalna lejn Ommna vera tas-sema, l-Omm ta' bla titoli u bla partiti li tgħaqqadna lkoll bħala uliedha ma' Binha Ġesù.

## Ħajr

L-awtur jixtieq irodd ħajr lil diversi persuni li għenu sabiex dan l-artiklu jasal għall-pubblikazzjoni b'mod speċjali lis-Sinjuri Lorenzo Zahra, Henry Bonanno, Antonio Camilleri u Patri Alexander Bonnici.

13 A. Bonnici, 'Santa Marija Assunta u l-Madonna tal-Ġilju; iż-żewġ statwi ewlenin ta' l-Imqabba, f'C. Farrugia (ed) *L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien*, Kunsill Lokali u Parroċċa ta' l-Imqabba, 1998, p. 126.

14. Għall-analiżi dwar dan ara C. Farrugia, '*Socio-Political and Economic Aspects in the History of Religious Festa Groups in Malta*, Dipartiment ta' l-Istorja, 1999.

15. Intervista mas-Sur Toni Barbara, fl-1994

16. L-istess Toni Barbara sostna li l-istatwa li għamel in-Naxxari kienet dik ta' l-injam li llum tinsab fil-Każin tal-Madonna tal-Ġilju. Wara li l-istatwa ma ġietx aċċettata saret it-tieni waħda minn Darmanin. Dan però x'aktarx li mhux il-każ peress li l-Istatwa ta' l-injam li hemm fil-każin hi ta' epoka differenti u ferm eqdem.

17. Għar-rakkont sħiħ tal-wegħda ta' Giovanni Manchè ma' l-istatwi tal-Madonna tal-Ġilju ara A. Grech, 'Il-Manchè" (1845-1921). fil-*Programm tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju 1998*, p. 61-3.

18. *Malta Tagħna*, 23 ta' Mejju, 1914.

19. Arkivju Arċiveskovili Malta, *Supplice 1952/4*, Nru. 625

20. Arkivju Soċjetà Mużikali tal-Ġilju, Irċevuta ta' Paul Xuereb lil Ġużeppi Farrugia datata 19. v. 1971.

21. A. Bonnici, 'Santa Marija Assunta u l-Madonna tal-Ġilju: iż-żewġ statwi ewlenin ta' l-Imqabba, 1998, f'C. Farrugia (ed), *L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien*, Kunsill Lokali u Parroċċa ta' l-Imqabba, 1998, p.129.

22. Fost il-vari li jinħarġu proċessjonalment darbtejn fis-sena huma ftit. Fost dawn insibu l-vara ta' Santa Elena ta' B'Kara, San Duminku tal-Belt u f'xi inħawi l-vara tad-Duluri. Informazzjoni mgħoddija mis-Sur Oliver Mizzi.